# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar it-Tnejn 19 ta' Novembru 2001

Citazzjoni numru 1700/00 AJM

Kawza numru

Alexandra Mizzi

Vs

Christopher Bonello

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fl-14 ta' Awissu 2000 li permezz taghha l-attrici wara li ppremettiet illi fis-27 ta' Ottubru, 1998 hi kienet giet impjegata mal-konvenut bhala segretarja b'kuntratt ta' impieg definit ghal perjodu ta' tlett snin u dan kif jirrizulta mill-kuntratt ta' impieg anness; illi l-konvenut ittermina l-impieg taghha qabel iz-zmien specifikat fil-kuntratt u cioe qabel l-eghluq tal-perjodu ta' tlett snin u senjatament fit-2 ta' Gunju 2000; illi ghaldaqstant il-konvenut ghandu jhallas lill-attrici is-somma ta' flus li hija daqs nofs il-paga kollha li hija kien jkollha jedd ghaliha kieku hi thalliet fl-impieg taghha ghall-perjodu rimanenti taz-zmien hekk espressament miftiehem u dan ai termini tal-artikolu 34(11) tal-Kap 135 tal-Ligijiet ta' Malta; illi ukoll il-konvenut

naqas jhallas lill-attrici arretrati ta' bonus, kumpens ghal 'vacation leave' mhuxutilizzat mill-attrici u arretrati ta' paga dovuta lill-attrici; illi ghalkemm il-konvenut gie debitament interpellat jaghmel dan permezz ta' ittra ufficjali datata    ta' Lulju 2000 huwa baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza; talbet li din il-Qorti:-

1. tiddikjara illi l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici somma ta' flus li hija daqs nofs il-paga kollha li hija kien jkollha jedd ghaliha kieku l-istess attrici thalliet fl-impieg taghha ghall-perjodu rimanenti taz-zmien hekk espressament miftiehem u dan ai termini tal-artikolu 34(11) tal-Kap 135 tal-Ligijiet ta'Malta;
2. tiddikjara li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici arretrati ta' bonus, kumpens ghal-'vacation leave', u arretrati ta' paga dovuta lill-istess attrici;
3. tillikwida dawn is-somom ta' flus dovuti mill-konvenut lill-attrici ghar-ragunijiet fuq indikati,u
4. tikkundanna lill-konvenut biex jhallas lill-attrici dawk is-somom ta' flus hekk likwidati.

Bl-ispejjes kollha inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-    ta' Lulju 2000, u tal-mandat ta' qbid kawtelatorju prezentat kontestwalment ma din ic-citazzjoni kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mill-attrici.

Rat li l-konvenut debitament notifikat naqas li jikkontesta t-talba fi zmien utili.

Rat il-provediment ta' din il-Qorti diversament preseduta tat-12 ta' Dicembru 2000 meta t-talba tal-konvenut biex jinghata l-fakolta li

jikkontesta t-talba attrici giet michuda bla pregudizzju ghad-drittijiet tieghu kif kontemplati fl-artikolu 158(10) tal-Kap 12.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tat-12 ta' Dicembru 2000 ta' din il-Qorti diversament preseduta meta l-kawza giet imhollija quddiem din il-Qorti ghas-seduta tas-17 ta' Jannar 2001 sabiex tigi trattata u deciza.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tat-23 ta' Marzu 2001 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghas-seduta tal-4 ta' Mejju 2001.

Rat id-digriet taghha tat-30 ta' April 2001 meta giet sospiza l-prolazzjoni tas-sentenza fuq talba tal-konvenut li talab il-fakolta li jaghmel kontro ezami tal-attrici u li jipprezenta nota ta' sottomissjoni.

Rat ukoll li l-istess konvenut naqas li jipprevalixxi ruhu mid-dritt moghti lilu bil-ligi.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

L-attrici kienet giet impjegat mal-konvenut ghall-perjodu ta' tlett snin b'effett mis-27 ta' Ottubru 1998. Jirrizulta li dan l-impieg gie terminat fit-2 ta' Gunju 2000 u ghalhekk l-attrici qedha tinvoka l-provvediment tas-subinciz (11) ta' l-Artikolu 34 tal-Kap 135 tal-Ligijiet ta' Malta u titlob nofs il-paga tal-perjodu rimanenti tal-impieg skond il-kuntratt kif ukoll diversi ammonti ohrajn bhala ma huma 'bonus' u 'vacation leave

entitlement' li ma gewx imhallsa lilha oltre kumpens ghall-erbgha gimghat 'notice'.

Mill-affidavit tal-attrici mhux kontestat jirrizulta li l-attrici ma thallsitx l-ammonti ta' LM49.34 u LM18 bhala 'bonuses', kif ukoll li hija intitolata ghas-somma ta' LM176.40 bhala kumpens ghall-vacation leave mhux uzat minnha. Dawn l-ammonti jidhru gustifikati u ghalhekk qedin jigi accetati.

L-attrici izda qedha titlob ukoll il-hlas tas-somma ta' LM235.20 ghall-erbgha gimghat notice. F'dan ir-rigward jigi rilevat li l-artikolu 34 tal-Kap 135 tal-Ligijiet ta' Malta jibbliga lil min jhaddem li jaghti 'notice' meta l-impieg jkun ghal perjodu *indefinit.* Is-subinciz (11) tal-istess artikolu, li jikellem dwar impieg ghall-perjodu '*definit*', ma jirrikjedi ebda notice izda jobbliga lill-min jhaddem li jhallas lill-impjegat tieghu nofs il-paga dovuta ghar-rimanenti perjodu tal-kuntratt. Jekk t-talba attrici f'dan ir-rigward tigi accettata jigri li din ghall-ewwel erbgha gimghat tkun qedha tircevi tlett darbiet aktar minn dak li hija intitolata skond il-ligi. Din it-talba ghalhekk qed tigi michuda.

Fir-rigward tal-kumpens ghat-terminazzjoni tal-impieg qabel iz-zmien l-attrici xhedet li l-impieg taghha gie terminat fit-2 ta' Gunju 2000 u ghalhekk hija intitolata tircevi nofs il-paga ta' erbgha u sebghajn gimgha bir-rata ta' LM58.80 fil-gimgha, b'total ta' LM2175.60. Din it-talba hija gustifikata u konformi mal-ligi.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti fil-kontumacja tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut jhallas lill-attrici s-somma ta' elfejn erba' mija u dsatax-il lira maltin erbgha u

tlettin centezimu (LM2419.34) ghas-saldu ta' 'bonus', 'vacation leave', u salarju kif fuq inghad.

Bl-ispejjes kollha kontra l-konvenut.

Onor Imhallef Albert J. Magri